Parroċċa Qalb bla tebgħa ta' Marija

Burmarrad

Nº: 50/16

**AVVIŻI**

**11 ta' Diċembru 2016**

Nhar it-Tlieta 13 ta' Diċembru fil-11am sa jsiru l-provi tal-velja tal-Milied għat-tfal. Hija ħaġa sabiħa li t-tfal kollha tal-parroċċa jieħdu sehem.

Nhar il-Ħamis 15 ta' Diċembru tibda n-novena tal-Milied. Fil-quddies kollu jkun hemm riflessjoni qasira. Fil-quddiesa ta' filgħaxija jieħdu sehem b'mod speċjali t-tfal u l-familji u l-għaqdiet tal-parroċċa.

Sa ssir kompetizzjoni għall-isbaħ tiżjin tal-Milied fid-djar. Min jixtieq jieħu sehem għandu jimla l-formola li tinsab fuq Leħen il-Parroċċa sa nhar il-Ħamis 15 ta' Diċembru.

Nhar il-Ġimgħa 16 ta' Diċembru sa ssir laqgħa ta' preparazzjoni spiritwali għall-Milied għaż-żgħażagħ bejn 18 u 35 sena fiċ-Ċentru Parrokkjali fit-8.30pm. Wara jkun hemm xi ħaġa tal-ikel għal kulħadd.